IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 13 ta' Jannar, 2026

Rikors numru: BCT/70/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Dr. Stanley Farrugia Randon

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar mid-decizjoni datata 12 ta' Settembru, 2025 permezz ta' liema l-Awtorita` intimata imponiet fuq l-appellanti il-multa amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) u dana peress illi fil-11 ta' Settembru, 2025 instab ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarha 623.08 Barrikati mhux mibnija b'mod sod jew inadegwat Xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz inkluz tfal. Permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li da parti tieghu huwa ha l-passi kollha mehtiega sabiex is-sit ma jkunx ta' periklu u dana kif hemmhekk dettaljat.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin jkunu annessi u mmarkati bhala Dok A Trail of Event u sett ta'ritratti bhala Dok B.*
3. *Illi minn dak anness, l-Awtorita` kellha ragun li timponi l-penali stante li kien hemm ksur tar-regolamenti.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-affidavit prezentat mill-appellanti u sema' x-xhieda ulterjuri tal-istess appellanti u tax-xhud Owen Galea waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2025.

Sema' x-xhieda tal-ufficjal tal-Awtorita` waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2025.

Ra li l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi dan l-appell jikkoncerna penali amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) li giet imposta mill-Awtorita`appellata fuq l-appellanti in vista ta' allegat ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08, konsistenti minn barrikati mhux mibnija b'mod sod jew inadegwat, xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz inkluz tfal, dana referibilment ghad-data tal-11 ta' Settembru, 2025 dana kif indikat fid-decizjoni li ggib l-istess data.

Illi t-Tribunal ra li l-penali giet imposta abbazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 fejn ir-regolament numerat 6 jirregola b'mod mill-aktar car il-mod illi bih barrikati ghas-siti ta' kostruzzjoni ghandhom jittellghu. B'mod partikulari ir-regolament 6(c) tat-Tieni Skeda jipprovdi testwalment:

ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal.

Illi, kif inghad, permezz tal-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li ha l-passi kollha mehtiega sabiex is-sit ma jkun ta' periklu. Permezz tal-affidavit tieghu huwa jkompli jfisser kif, peress li l-bankina kienet saritilha hsara, "*il-kuntrattur halla l-grada ftit 'l barra fuq il-bankina minhabba xi hsara li kienet saret dik il-gurnata*". Huwa jghid li "*meta tkellimt mal-gar taghna huwa qalilna u ammetta li qala'l-grada minn kif ghalaqha l-kuntrattur u poggiha b'tali mod li gie aktar ta'periklu ghax kixef aktar il-parti ta' gewwa tal-bankina mkissra.* (…) *Meta gew l-ispetturi tal-BCA ghidtilhom dan kollu kif ukoll qabbadthom mal-OHS tieghi dak il-hin. Ftehemna li nibblukkaw il-parti t' isfel tal-grada b'xi haga u kif jixhdu r-ritratti gibt qsari mimlija hamrija mid-dar tieghi. Ghamilna Solar Light li kellna fil-gnien biex tidher sew kif tidher fir-ritratti (Ritratti C). Sahansitra cempilna lill-Pulizija biex jaghlqu l-access tal-bankina. Il-Pulizija gew u kif jidher fir-ritratti (Ritratt D) huma ghalqu il-bankina. Wiehed mill-ufficjali tal-BCA issugerixxa li noqghodu hemm il-lejl kollu u ghamilna roster bil-lejl jiena u l-mara wiehed minnha qaghad ghassa mal-grada matul il-lejl kollu.*"

Huwa jikkonkludi billi jammetti li "***<u>naqbel mija fil-mija li l-haddiem ma halliex il-grada maghluqa b'mod adegwat u bblokka l-bankina, imma ma nistax nara kif stajt naghmel il-post aktar sikur ghat-terzi milli ghamilt ghal dak il-lejl fic-cirkostanzi</u>***". Huwa kwindi l-appellanti stess li essenzjalment jammetti in-nuqqas ravvizat mill-Awtorita`.

It-Tribunal jissimpatizza u japprezza l-isforz genwin li sar mill-appellanti sabiex jevita incidenti fuq is-sit malli intebah bin-nuqqas li kien hemm. Irrizulta, fil-fatt, li l-kuntrattur tieghu kien wettaq hsara fil-bankina b'tali mod li xxelfet parti minnha li tmiss mas-sit. Il-kuntrattur haseb li seta' jirrimedja ghal dan billi semplicement icaqlaq il-grada li kien hemm fis-sit ghal fuq il-bankina biex jaghlaq din il-hsara, bir-rizultat li fl-istess waqt, kif ammess mill-appellanti bl-istess affidavit tieghu, huwa bblokka l-bankina. Dana meta l-ligi tehtieg ukoll li *l-klijent għandu jiżgura li jkun hemm passaġġ sigur quddiem is-sit. Meta x-xogħlijiet jeħtieġu ostakolar tal-bankina pedonali, u din tkun approvata mill-Kunsill Lokali, għandha tiġi*

provduta bankina pedonali temporanja li ma għandha tkun ostakolata fl-ebda ħin (Regolament 7 tat-Tieni Skeda tal-LS 623.08).

Madanakollu jigi nutat li n-nuqqas addebitat lill-appellanti kien biss dak ta' barrikati mhux mibnija b'mod sod jew inadegwat u xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz tfal. L-appellanti xehed u kkonferma "*fuq mistoqsija tat-Tribunal li kif kienet originarjament posizzjonata x-xatba, access ghas-sit ma kienx hemm. Lanqas ma seta'jidhol xi hadd minn bejn iz-zewg xtiebi li kien hemm. Kienu marbutin iz-zewg xtiebi bil-katnazz. Nghid illi r-ritratti huma indikattivi ta'azzjonijiet li saru minn haddiehor bi sforz sabiex ix-xatba tidher li mhix maghluqa kif suppost.*"

Il-kuntrattur tieghu Owen Galea xehed ukoll li: "*Ix-xatba hallejniha maghluqa b'tali mod li hadd ma seta'jidhol fis-sit. Meta gew tal-BCA pero` din ix-xatba kienet imdahhla l-gewwa izjed.*"

In kontro-ezami xehed ukoll:

> *Ngħid illi din ix-xatba kienet magħluqa, aħna ħallejniha magħluqa u msakkra bil-katnazz.*
> *Ngħid illi x-xatba kienet ukoll sigura u mwaħħla miż-żewġ naħat fis-sens li kienet ma' ħajt u anka ma' ħadid tal-ġar.* ***Ngħid illi dawn il-gates avolja kienu magħluqin m'humiex magħmulin minn xi materjal oħxon u jekk wieħed jimbuttahom jidħlu 'l ġewwa jekk wieħed juża' forza eċċessiva.***

Min-naha tieghu l-ufficjal tal-Awtorita` Nicholai Grima jghid li "*Fuq is-sit sibna l-bankina mkissra u l-grada li kienet il gewwa lejn is-sit. Din kienet tidher imbuttat 'l gewwa. U fil-fatt jien stajt nara li kien hemm gap jew spazju bejn il-bankina mkissra u l-grada u jien ghalija dan kien perikoluz. Apparti minn hekk is-sit stajt tidhol ghalih ukoll mill-genb fejn jien stajt nara ukoll li kien hemm xi tarag.* (…) *nghid illi l-appellanti kien semmielna li kien hemm xi hadd li kien qed jaghmel xi vendikazzjoni lilu u jcaqlaqu l-grada pero` ghalina dak kollu huwa irrelevanti. Ghalina r-responsabilita` tas-site manager li jimxi skont il-ligi.*

Ghat-Tribunal ir-ritratti mehudin mill-ufficjal fil-11 ta'Settembru, 2025 huwa indikattiv ta' sitwazzjoni fejn tassew il-barrikati ghas-sit jidhru palezement mhux adegwati u dana ghaliex

jikxfu hofra bejn il-bankina u x-xatba liema hofra kif ikkonfermat sahansitra mill-appelanti kienet perikoluza ferm tant illi l-istess appellanti jghid li hu u martu qattghu lejl barra biex jaraw li persuni ma jwegghux. It-Tribunal ikollu jaqbel ukoll mal-Awtorita` li l-allegazzjoni li l-barrikati kienu ccaqalqu minn terzi girien ma tistax isservi bhala difiza f'dawn ic-cirkostanzi u dana mhux biss ghaliex, ai fini tal-Legislazzjoni Sussidjarja, huwa l-applikant li huwa responsabbli fil-konfront tal-Awtorita` ghan-nuqqasijiet fis-sit imma wkoll ghaliex, l-istess regolament 6 hawn fuq gja` citat jipprovdi testwalment li:

> *l-klijent għandu jtella' barrikati tal-injam jew metall jew bricks jew barrikati ta' materjal simili, mgħaqqad b'tajn bil-bażi ta' siment meta jkun qiegħed jagħlaq sit ta' skavar b'tali mod li jimblokka l-entratura u jipprevjeni l-aċċess lil persuni mhux awtorizzati u li: (a) il-barrikati għandhom jinbnew sabiex* ***jifilħu għal kwalunkwe impatt estern***.

Ghat-Tribunal, il-fatt wahdu li persuna mhux identifikata setghet timbotta 'l gewwa l-barrikata huwa diga` wahdu indikattiv ta' barrikata li ma tiflahx ghal impatt – imqar minimu estern – u kwindi ghalhekk ukoll ma kenitx adegwata.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss li l-Awtorita` ippruvat il-kaz taghha ta' barrikati mhux adegwati u li jippermettu access ghas-sit kif imfisser hawn fuq in vista tal-hofra perikoluza ferm li tidher fil-bankina fir-ritratt ezebit mill-Awtorita`.

Ai fini ta' kompletezza, jinghad ukoll li t-Tribunal ghandu dubji serji dwar kemm il-pubbliku, inkluzi tfal, setghu jaccessaw is-sit mill-genb ukoll kif allegat mill-ufficjal Grima u dana ghaliex, kif nutat mill-istess appellanti, ir-ritratt prezentat minnu immarkat A juri li l-parti laterali kienet mghottija u maghluqa b' xatba hadra. L-ufficjali tal-Awtorita` ma jidhirx li hadu ritratti ta' din iz-zona meta rapurtaw dwar il-bqija tan-nuqqasijiet ravvizati u ghalhekk ukoll it-Tribunal jghid li l-Awtorita` ma rnexxilhiex tipprova dan l-aspett partikulari, ghalkemm, dak kollu li jinsab pruvat hawn fuq, huwa altru milli sufficjenti sabiex jiggustifika l-hrug tal-penali.

It-Tribunal jinnota wkoll li, tenut kont tan-natura tan-nuqqas ravvizat fir-rigward ta' barrikati ghas-sit, l-Awtorita` imponiet il-penali minima.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 12 ta' Settembru, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru